MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 497/2008

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

L-Avukat Dottor Anthony **CUTAJAR** u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'degriet tal-5 ta' Marzu, 2008, nhatru Kuraturi Deputati biex jidhru ghall-assenti Brian Sam u Patricia Ann mizzewgin Psaila

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf imressaq fl-14 ta' Mejju, 2008, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (1) ssib li sehhet wahda jew aktar mill-grajjiet mahsuba fil-kuntratt ta' self ippubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani, fit-30 ta' Settembru, 2003, li

minhabba fihom l-imharrkin naqsu milli jhallsu f'waqthom il-pagamenti stabiliti fl-imsemmi kuntratt, jew b'xi mod iehor naqsu li jwettqu l-kundizzjonijiet assunti minnhom, b'mod li sehhew bidliet materjali li jolqtu hazin il-possibilita' tal-hlas lura tad-debitu dovut lilha; u (2) tikkundanna lill-imharrkin ihallsuha s-somma ta' tliet mija u erbatax-il elf, disa' mija u sitta u sittin euro u sebghin centezmi (€314,966.70) ekwivalenti ghal Lm135,215.20, rapprezentanti l-bilanc ghad-debitu fl-imsemmija facilita', flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri b'sehh mit-2 ta' Mejju, 2008, il quddiem;

Rat it-Twegiba Mahlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fl-14 ta' Lulju, 2008, li biha qalu li f'dan l-istadju huma ma jafu xejn dwar il-fatti allegati; b'rizerva li jressqu eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, wara li jikkomunikaw mal-kostitwenti taghhom;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-Noti mressqa mill-Kuraturi Deputati fis-16 ta' Ottubru, 2008, u dik waqt is-smigh tat-3 ta' Dicembru, 2008;

Ezaminat l-atti kollha tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati u billi tassew jirrizultaw ic-cirkostanzi premessi;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. **tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li ssib li sehhet wahda jew aktar mill-grajjiet mahsuba fil-kuntratt ta' self ippubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani, fit-30 ta' Settembru, 2003, li minhabba fihom l-imharrkin naqsu milli

jhallsu f'waqthom il-pagamenti stabiliti' fl-imsemmi kuntratt, jew b'xi mod iehor naqsu li jwettqu l-kundizzjonijiet assunti minnhom, b'mod li sehhew bidliet materjali li jolqtu hazin il-possibilita' tal-hlas lura tad-debitu dovut lilha;

**2.** **<u>tilqa' t-tieni talba,</u>** u tikkundanna lill-imharrkin ihallsuha s-somma ta' tliet mija u erbatax-il elf, disa' mija u sitta u sittin euro u sebghin centezmi (€314,966.70) ekwivalenti ghal Lm135,215.20, rapprezentanti l-bilanc ghad-debitu fl-imsemmija facilita', flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri b'sehh mit-2 ta' Mejju, 2008 il quddiem;

**3.** L-imharrkin ghandhom ihallsu wkoll **l-ispejjez tal-kawza,** izda d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-bank attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------